Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# L-UFFIĊJAL PRINĊIPALI TA' L-IMMIGRAZZJONI (SPETTUR FRANKIE SAMMUT) V. YASSINE NAJAH (PUL. FC5653892)

(UŻU JEW PUSSESS TA' PASSAPORT IFFALSIFIKAT – KAP. 61, ART. 5 – UŻU TA' DOKUMENTI OĦRA FFALSIFIKATI – KAP. 9, ART. 189 – UŻU JEW PUSSESS TA' DOKUMENT MEĦTIEĠ SKOND L-ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI LI JKUN ĠIE FFALSIFIKAT – KAP. 217, ART 32(1)(F))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**16 ta' Frar 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-akkużi maħruġa kontra Yassine Najah, iben Bassou Najah u Hanane Rbaby, imwieled il-Marokk nhar it-30 ta' Mejju 2002 u residenti San Pawl il-Bahar, detentur tan-numru tal-Pulizija FC5653892, ("l-imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Frankie Sammut
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Franco Galea,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat bis-segwenti akkużi:

    1. talli fis-6 ta' Ġunju 2019 u/jew fil-ġranet ta' qabel f'Malta ffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaport jew dokument, jew uża jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport jew dokument li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom (Kap. 61, Art. 5), u

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap. 9, Art 189), u

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att, li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Art. 32(1)(f).

2. Dan il-każ jikkonċerna l-allegat użu jew pussess min-naħa tal-imputat ta' żewġ dokumenti falsifikati ossia' *Titolo di Viaggio Per Stranieri* u *Permesso di Soggiorno* apparentement maħruġa mill-awtoritajiet Taljani.

**L-artikoli applikabbli tal-liġi**

***L-Ordinanza dwar il-Passaporti (Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta)***

3. L-Artikolu 5 tal-Ordinanza dwar il-Passaporti jipprovdi kif ġej:

'5. Kull min jiffalsifika, ibiddel, jew jagħmel xi tibdil f'passaport jew juża jew ikollu għandu passaport li huwa jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn.'

***Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)***

4. L-Artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi kif ġej:

*'189. Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.'*

***L-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta)***

5. L-Artikolu 32(1)(f) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni jipprovdi kif ġej:

'32.(1) Kull persuna li

f. mingħajr awtorità leġittima tuża jew ikollha fil-pussess tagħha xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta'dan l-Att li jkun falsifikat ...

tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kemm-il darba mhix stabbilita għal dak ir-reat piena akbar b'liġi oħra.'

**Provi miġjuba**

6. Il-Prosekuzzjoni ressqet lis-segwenti xhieda:
    1. L-Uffiċjal Prosekutur Spettur Frankie Sammut (li xehed fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2019 u tal-24 ta' Lulju 2019),
    2. WPC 235 Valentina Schembri (seduta tal-24 ta' Lulju 2019),
    3. PC 30 Malcolm Cachia (seduta tal-24 ta' Lulju 2019), u
    4. WPC 357 Susan Vella (seduta tal-24 ta' Lulju 2019).

7. L-imputat ma' ressaq l-ebda xhieda u għażel li ma' jgħid xejn għajr għall-kontestazzjoni ta' ħtija, kif kellu kull dritt li jagħmel skond il-liġi.

8. **L-Ispettur Frankie Sammut** xehed fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2019 illi fis-6 ta' Ġunju 2019 ġie infurmat minn PC 30 Malcolm Cachia li l-uffiċjali tal-Air Malta kienet daħlitilhom informazzjoni li kien hemm xi persuni abbord ajruplan tal-Air Malta li kien sejjer lejn Brussell, il-Belġju, fuq titjira KM 422, li kienu suspettati li seta' kellhom xi dokumenti li ma kienux jappartjenu lilhom. Meta PC30 Cachia ħareġ fuq l-apron fuq ir-*runway* tnejn mill-passiġġieri ħarbu u qabdu jiġru fuq ir-runway u qabżu lejn in-naħa tal-mina taż-Żurrieq. Il-maħrubin ma' ġewx rrintraċċjati iżda ż-żewġ passiġġieri l-oħra ġew miżmuma mill-pulizija u mxew magħhom għal ġewwa l-uffiċċju tal-immigrazzjoni ġewwa l-ajruport fejn kien hemm l-Ispettur. Skond l-Ispettur, waqt l-investigazzjoni rriżulta li ż-żewġ persuni fosthom l-imputat kienu qed jagħmlu użu minn dokumenti foloz. Wieħed minnhom diġà tressaq il-Qorti u ġie misjub ħati. L-ieħor, ċioe l-imputat, instab li kien uża dokument ta' residenza Taljan u dokument ieħor Taljan (*Titolo di Viaggio Per Stranieri* u *Permesso di Soggiorno*) li kienu counterfeit ossia' foloz u li kienu fl-isem ta' Jadid Toufik. Dawn ġew esebiti mill-Ispettur.[1] L-investigazzjoni fuq id-dokumenti saret mill-esperti forensiċi tal-Pulizija, ċioe minn WPC 357 Susan Vella. Kopja tar-rapport ta' din l-espert ġiet esebita ukoll.[2]

---

[1] Dok FS1 fol 8
[2] Dok FS2 fol 9

9. L-Ispettur kompla jispjega li l-imputat ikkopera mal-Pulizija bis-sħiħ u dan bl-assistenza tal-interpretu, Rriżulta illi dan kellu sbatax-il sena u li ommu tirrisjedi f'Malta. L-imputat għadda ukoll lill-Pulizija l-passaport proprju tiegħu maħruġ mill-awtoritajiet tal-Marokk fuq isem Yassine Najah. Dan il-passaport ġiet esebit fil-proċess bħala Dok FS4.[3] In kontroeżami l-istess Spettur xehed illi d-dokumenti allegatament foloz ġew elevati minn fuq l-imputat mill-Pulizija li kienu fuq il-post. Spjega ukoll illi ma' ttieħdet l-ebda stqarrija mingħandu għaliex f'dak il-perjodu l-pulizija kienet mħabbta ħafna.

10. **PC 30 Malcolm Cachia** xehed b'iżjed preċiżjoni dak li ġara fis-6 ta' Lulju 2019 qabel ma' beda l-involviment tiegħu l-Ispettur Sammut. Huwa kien xogħol ta' bil-lejl ġewwa l-Ajruport u filgħodu, għal ħabta tal-ħamsa u kwart mar rappreżentant tal-Air Malta u ġab miegħu żewġ passiġġieri, ghax kellhom suspett illi l-passaporti tagħhom kienu foloz. Dawn il-passiġġieri, fosthom l-imputat, kienu twaqqfu fil-*gate* huma u ħerġin waqt li kienu qed juru d-dokumenti tagħhom lir-rappreżentanti tal-linja tal-ajru. PC Cachia jgħid li l-passaporti mill-ewwel kienu jindikaw illi ma kienux ġenwini u għalhekk infurmaw b'dan lill-Ispettur. Wara xi ftit minuti l-istess rappreżentant tal-Air Malta rċieva telefonata mingħand is-supervisor tal- Air Malta li kien qed jieħu ħsieb it-titjira għax kellhom suspett li kien hemm żewġ passiġġieri oħra li filfatt laħqu telgħu abbord l-ajruplan. Intalbet l-assistenza ta' PC 30 Cachia filwaqt li l-kollega tiegħu WPC 235 Valentina Schembri baqgħet fl-uffiċċju maż-żewġ passiġġieri, fosthom l-imputat. PC Cachia ħareġ fuq ir-runway u meta kien viċin l-ajruplan, rappreżentant tal-Air Malta għamillu sinjal illi ż-żewġ passiġġieri kienu ħarbu appena tniżżlu fuq it-*tarmac* minn fuq l-ajruplan. Filfatt PC Cachia seta' jarahom mill-bogħod. In kontroeżami x-xhud ikkonferma li kif ra d-dokumenti mill-ewwel ġieh suspett qawwi li dawn kienu foloz.

11. **WPC 357 Susan Vella** xehdet illi fit-18 ta' Ġunju 2019, l-Ispettur Frankie Sammut ħadilha d-dokumenti esebiti bħala Dok FS1 a fol 8 tal-proċess. Dawn kienu jikkonsistu f'*Titolo di Viaggio Per Stranieri* u *Permesso di Soggiorno*. Xogħolha kien li tiċċekkja jekk dawn id-dokumenti kienux awtentiċi jew le. Hija wettqet l-eżamijiet neċessarji u kkonkludiet fir-rapport li ħarġet (Dok FS2 a fol 9), ikkonfermat bil-ġurament minnha, illi dawn huma *counterfeit* ossia "*ivvintati mill-bidu sal-aħħar".* Mistoqsija in kontroeżami, partikolarment b'riferenza għal fejn hemm ir-ritratt u d-dettalji fuq id-dokumenti u għat-tipa doppja, dwar jekk tindunax faċilment mingħajr

---

[3] fol 32

analiżi forensika illi d-dokumenti kienu *counterfeit*, hija wieġbet fl-affermattiv iżda żiedet ukoll illi min ma' jkunx jifhem fuq dawn l-affarijiet ma' kienx ser jinduna.. Mistoqsija dwar il-kwalifiċi tagħha hija wieġbet illi pparteċipat f'diversi korsijiet organizzati mis-CEPOL, Frontex u l-ID Centre ta' Amsterdam u li għandha l-kwalifiċi neċessarji sabiex tagħmel l-analiżi li għamlet.

**Kunsiderazzjonijiet dwar ħtija**

*L-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet*

12. L-imputat ma' jiċħadx illi huwa wettaq il-falz iżda minflok l-abbli difensur tiegħu qajjem il-punt illi r-reat ma' jistax jissusisti stante li l-falsifikazzjoni hija waħda *grossolana* li ma' setgħet qatt tqarraq b'dak li jkun. F'dan ir-rigward il-Professur Anthony J. Mamo jgħid hekk fin-*Notes on Criminal Law*[4]

*"Whereas possibility of causing injury or defrauding is not, as we have seen, a constituent of the crime in regard to the forgery of public documents, the possibility of deceiving is commonly considered to be an essential element in regard to all forgeries. A perfect imitation is not, of course, necessary. But if the manner of executing the forgery is so clumsy that the forgery itself is obvious almost ' ictu oculi' then the crime of forgery is negatived, although there may be another kind of offense {fraud) - cfr. "Rex vs. L. Cassar'', C.C . 18 . 11 . 1941;*

*"La falsita per essere incriminabile, deve 'avere attitudine ad ingannare: non sara ' necessaria l'imitazione perfetta: ma quando il falso sia cosi ' "grossolano e tale da dover essere facilmente riconosciuto, non potra, per mancanza di vera e propria lesione della fede pubblica, applicarsi il titolo di falso , ma soltanto (nei congrui casi) quello di truffa , se per l ' ignoranza o l' incuria della persona presso la quale fu adoperata la scrittura goffamente falsificata l'uso di questo abbia prodotto un danno" (Maino, op . cit ., p. 1302 and the authorities there quoted)."*

*The instrument must appear upon the face of it to have been made to resemble the true instrument: not necessarily an exact resemblance, but such as to be capable of deceiving persons using ordinary observation, according to their means of knowledge."*

13. Madanakollu kif ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza, fil-każ ta' dokumenti pubbliċi – u ċertament dokumenti maħruġa minn awtoritajiet ta' Stat intiżi sabiex

[4] Notes on Criminal Law – Revised Ed. 1954-55 J.M.C, p.182

jidentifikaw l-utent għal skopijiet ta' vjaġġar u/jew residenza huma dokumenti pubbliċi – il-prinċipju tal-falz grossolan ma' japplikax. Hekk per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet: "**Il-Pulizija v. Annabelle Camilleri nee' Monreal**" (Appell Numru: 191/2017 EG, 3 ta' Lulju 2020) intqal hekk mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

*"Mhux biss izda gie deciz illi meta il-falsita' tkun saret fuq dokument pubbliku u awtentiku allura tigi eradikata din l-iskriminanti:*

*…. huwa minnu li hemm gurisprudenza li meta l-falsita` tkun wahda grossolana li ma tista' qatt tqarraq ossia tinganna lil xi hadd, allura r-reat ta' falsifikazzjoni ma jissussistix. Dan, pero`, ma japplikax meta d-dokument in kwistjoni ikun wiehed pubbliku, ghax f'dan il-kaz il-hsara tikkonsisti fil-pregudizzju li jigi kkagunat lill-interessi legittimi tac-cittadin mill-offiza ghall-fiducja pubblika – ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Borg App. Krim. 26 ta' Jannar, 1984. Ghalhekk dak li jrid l-ewwel jigi determinat huwa jekk id-Dokument ... jikkwalifikax bhala dokument pubbliku u, fit-tieni lok, jekk jistax jinghad li huwa wkoll dokument awtentiku.... Biex dokument jikkwalifika bhala wiehed pubbliku u awtentiku hu mehtieg bhala regola generali li jkun dokument (1) destinat li jaghti fidi pubblika tal-kontenut tieghu, (2) maghmul bil-formalitajiet mehtiega u (3) rilaxxjat minn ufficjal pubbliku li ghandu s-setgha skond il-ligi li jaghti fidi pubblika lil dak il-att. S'intendi, jekk ma jkunx fil-fatt gie maghmul minn "ufficjal pubbliku" ghax il-firma tal-ufficjal pubbliku tkun giet falsifikata minn xi hadd iehor, ma jigix nieqes l-element numru (3): ghall-kelma "rilaxxjat" ghandha tinqara l-espressjoni "apparentement rilaxxjat" (purporting to be issued) minn dak l-ufficjal pubbliku. Hekk ukoll, meta wiehed jirreferi ghall-"formalitajiet mehtiega", ma jfissirx neccessarjament li nuqqas zghir ta' formalita` li ma jkunx essenzjali biex jaghti fidi pubblika jew awtenticita` lil dak l-att igib bhala konsegwenza li dak l-att ma jkunx wiehed pubbliku jew wiehed awtentiku: wiehed ghandu jhares lejn dak li hu essenzjali ghall-forma u mhux dak li hu marginali."*

*Ukoll fis-sentenza Il-Pulizija vs Jeffrey Busutiil, din il-Qorti kif diversament ippresjeduta similment ippronunzjat ruhha meta qalet:*

*"huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li f'materja ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti l-iskriminanti tal-grossolanita tal-falsifikazzjoi ma hix applikabbli meta l-falsifikazzjoni tkun saret f'dokument pubbliku"*

14. In sostenn tal-posizzjoni tagħha d-difiża esebiet żewġ sentenzi fosthom is-sentenza fl-ismijiet: "**Il-Pulizija v. Stephen Osei Boateng**" (Nru 92/2014 AB, 6 ta' Mejju

2015) fejn din il-Qorti diversement presjeduta kienet qalet hekk fir-rigward ta' dokument meqjus bħala *"fantasy passport*":

"*As the name implies, it is a fantasy passport – a gross and totally fictitious document that, apart from being totally fictitious, cannot reasonably be deemed to be capable of deceiving persons using ordinary observation, according to their means of knowledge ...the fact that his SoS passport is an evident ictu oculi fake and totally invalid as a travel document as sanctioned by EU Law, this Court cannot validly consider it to be a document lawfully intended for any public authority. More so when one considers that reasonably, there can be no public authority, worth this name, that can be deceived by a void document of this sort.*

*Though it purports to be a "passport", and therefore under normal circumstances, would qualify as a public document, in this particular case, it cannot be deemed to be a "public" document in as much as it purports to be issued by a totally inexistent and fantasy state – "Sabotage". The situation would have been different had this document purported to be issued by an existing State or a former State that had a real legal existence in the past. The State of "Sabotage" is totally imaginary, a figment of the imagination. While the document purports to be a public document – that is a document issued by a State – this State is totally imaginary. This Court cannot consider this document to be a "public document".*

15. F'din il-kawża, l-*actus reus* jikkonsisti fil-falsita' materjali ta' dokumenti li kienu qed jieħdu x-xejra ta' dokumenti pubbliċi u awtentiċi apparentement maħruġin mill-awtoritajiet Taljani. Fil-każ tal-passaport (jew *Titolo di Viaggio per Stranieri)* għalkemm huwa minnu illi t-tipa tal-kliem f'ċertu partijiet hija waħda fqira, partikolarment dawk il-kliem li huma f'tipa irqiqa u jidhru doppji, madanakollu ma' jistax jingħad illi l-falsita' hija waħda grossolana u dan għaliex huwa possibbli ferm illi bniedem ta' intelliġenza ordinarja li juża mezzi ta' osservazzjoni ordinarji jiġi mqarraq b'tali dokument. Fir-rigward tal-*Permesso di Soggiorno* il-grossolanita' tal-falsita hija iżjed dibattibbli minħabba l-kwalità ferm fqira tar-ritratt li jidher b'mod ċar li huwa sproporzjalment żgħir mal-bqija tad-dokument. **Fi kwalunkwe każ però**, anke li kieku l-falsita kienet waħda iżjed evidenti u grossolana, dawn id-dokumenti ġew iffalsifikati b'mod illi juru illi nħarġu mill-awtoritajiet Taljani. Dan jikkuntrasta ma' dak li kien seħħ fis-sentenza appena ċitata fejn il-passaport kien apparentement maħruġ minn stat bl-isem ta' *"State of Sabotage"*, ossia stat ineżistenti.

16. Ġaladarba d-dokumenti in kwistjoni għandhom ix-xejra ta' dokumenti pubbliċi u awtentiċi d-difiża tal-falz grossolan ma' tistax treġi u għaldaqstant l-ewwel imputazzjoni u t-tielet imputazzjoni (li hija assorbita fl-ewwel waħda) jirriżultaw.

*It-tieni imputazzjoni*

17. Il-kliem użat fl-Artikolu 189 tal-Kap. 9 jindikaw b'mod ċar illi l-użu ssanzjonat minn dan l-artikolu huwa "*użu minn xi dokument* ***ieħor*** (emfasi miżjuda mill-Qorti) *falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu*". Ġaladarba l-artikoli ta' qabel jirrigwardaw *inter alia* l-użu ta' dokumenti pubbliċi li jkunu falsifikati, huwa ċar illi l-Artikolu 189 ma' japplikax għal dokumenti pubbliċi bħad-dokumenti in kwistjoni.

18. F'dan ir-rigward Prof. Mamo jgħid hekk:

*"These other forgeries are known in the practice of our Courts as "innominati". According to Arabia, following Nicolini , the law here in speaking of "other kinds of forgery" is referring to the object of the forgery and not to the manner of executing the offence . In other words, the means of the forgery must - according to these authorities – be the same as those contemplated in respect of the other forgeries: only the* ***instrument*** *must be different, i.e., other than any of those expressly dealt with in the preceding sections of the Title"*[5]

19. Għalhekk il-Qorti m'hijiex ser issib ħtija taħt dan l-artikolu tal-liġi.

**Piena**

20. L-imputat kien għadu kemm għalaq sbatax-il sena fid-data li wettaq ir-reati kontemplati fl-ewwel u t-tielet imputazzjoni u għaldaqstant meqjus bħala minorenni fil-liġi tagħna. F'dan ir-rigward l-Artikolu 37(2) tal-Kap. 9 jipprovdi li:

'37 (2) Fejn l-att jew nuqqas magħmul minn minuri minn erbatax-il sena sa sittax-il sena jsir b'ħażen u fil-każ ta' minuri minn sittax-il sena sa tmintax-il sena, il-piena applikabbli għal reat għandha titnaqqas bi grad jew tnejn'

---

[5] Notes on Criminal Law – Revised Ed. 1954-55 J.M.C, p. 201

21. Il-piena applikabbli f'dan il-każ hija għaldaqstant, fil-każ ta' tnaqqis bi grad wieħed, piena karċerarja ta' bejn tlett (3) xhur u tmintax (18) -il xahar, u fil-każ ta' tnaqqis b'żewġ gradi, *ammenda*, detenzjoni jew piena karċerarja ta' bejn ġurnata u sena.

22. Il-Qorti għalkemm qed tieħu in konsiderazzjoni l-eta tal-imputat u l-fatt illi kkopera mal-Pulizija, madanakollu ma' tistax tinjora s-serjetà tar-reat, liema reat imur direttament kontra s-sigurtà nazzjonali u huwa wieħed minn sensiela dejjem tikber ta' reati konsistenti f'*"passport fraud"* li qegħdin jimminaw mhux ftit is-sigurta tal-istati fiż-żona Schengen u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-kriminalità organizzata. Huwa minnu li l-isforzi tal-awtoritajiet f'din il-ġlieda għandhom ikunu indirizzati primarjament kontra dawk responsabbli għall-falsifikazzjoni u n-negozju tagħhom madanakollu jibqa' l-fatt illi s-suq jiġi determinat mid-domanda u l-Qorti – l-ebda Qorti – ma' għanda turi klemenza ma' min bl-aġir tiegħu ikun inkoraġġixxa u kabbar din id-domanda.

**Deċiżjoni**

23. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni peress li din ma' tirriżultax, ssibu ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet (Kap. 61, Art. 5 u Kap 217, Art. 32(1)(f) rispettivament) u bl-applikazzjoni ta' tnaqqis bi grad wieħed ai termini tal-Artikolu 37(2) tal-Kap. 9, tikkundannah għal piena karċerarja ta' <u>erba' (4) xhur</u>.**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur